

**Anton Vella**

SMEs Helpdesk Executive
Malta Employers' Association

## KIF TAĦSIBHA L-ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM?

MEA MALTA EMPLOYERS' ASSOCIATION

# L-SME WEEK 2014

Għal darb'oħra Malta se tkun qed tipparteċipa fil-manifestazzjoni Ewropea li ta' kull sena tiġi organizzata mill-Kummissjoni Ewropea favur is-settur tan-negozji żgħar u medji, l-SME Week.

Dawn huma jiem fejn l-attenzjoni taqa' fuq is-settur tan-negozji żgħar u medji, u f'Malta permezz tal-Ministeru responsabbli mill-Industrija, Investiment u Negozji Żgħar, flimkien ma' numru ta' entitajiet u organizzazzjonijiet oħra, u diġà ġew ippjanati numru ta' attivitajiet.

Dan il-programm għadu kif tħabbar jumejn ilu, u b'hekk bejn għada u t-28 ta' Ottubru ser ikunu qed jiġu organizzati xejn inqas minn disa' attivitajiet fuq skala nazzjonali.

Sabiex tkunu tafu d-dettalji tal-programm kollu nistedinkom taċċessaw s-sit elettroniku www.meib.gov.mt

Aħna, bħala MEA, bħalma għamilna s-sena l-oħra, erġajna qed inkunu attivi, u f'din il-ġimgħa ta' attività mmirata lejn in-negozji żgħar u medji, qed nieħdu sehem u nipparteċipaw f'żewġ attivitajiet.

Dawn huma :

- *Info session* bit-titolu 'The relevance of human resources management for SMEs', u
- *workshop* fejn ikun qed isir eżerċizzju uniku msejjaħ 'SME business clinic workshop'.

### The Relevance of Human Resources Managment For SMEs

- *Info session* li qed tiġi organizzata direttament mill-MEA, u ser tkun qed issir nhar l-Erbgħa 22 ta' Ottubru 2014, mis-1.30pm sal-4.30pm, fil-bini tal- Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem fi Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.
- Gwida ta' kif l-SMEs għandhom iħarsu lejn l-aspett ta' HR fi ħdan l-azjenda tagħhom. L-użu tajjeb tar-riżorsi umani huwa essenzjali fl-operat ta' negozju, u għalkemm mhux kullhadd jista' jkollu dipartiment iddedikat speċifikament fuq ir-riżorsi umani, xorta waħda huwa ta' importanza kbira kif għandhom jintgħażlu l-ħaddiema, kif dawn jiġu mħarrġa, u kif dawn għandhom jiġu motivati.

Kullħadd mistieden u l-entratura hija b'xejn, iżda importanti li tirreġistraw l-attendenza tagħkom minn qabel fuq reservations@maltaemployers.com. Il-postijiet huma limitati.

### SMEs Business Clinic Workshop Session

- Stedina sabiex tattendu għal attività unika li l-MEA se torganizza u li nħoss li tista' tkun ta' benefiċċju kbir għas-sidien, *employers* ta' negozji żgħar.
- Attività mistiedna tiġu u tisimgħu lill-konsulenti jagħtukom informazzjoni utli dwar kif tistgħu tibbenefikaw minn skemi ssapportjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea.
- Jum li ser jinkludi kunċett ġdid ta' SMEs *business clinic*, fejn flimkien ser tkunu qed tingħataw aktar informazzjoni dwar kif tistgħu tagħmlu djagnosi profonda dwar it-tmexxija tan-negozju tagħkom.
- Appuntament importanti fejn, fi tmiemu, ser ikun hemm numru ta' *business doctors*, li ser joffrulkom (fuq bażi ta' *one-to-one appointments*) numru ta sigħat ta' konsulenza b'xejn.
- Avveniment li ser ikun l-ewwel tax-xorta tiegħu, fejn intom sidien ta' negozji żgħar ser tkunu tistgħu tipparteċipaw b'mod attiv, u tiġu ggwidati kif jistgħu jtejbu l-operat tan-negozju tagħkom.

Iva, wara s-suċċess tal-attività li kienet ġiet organizzata f'Diċembru tas-sena l-oħra, fejn fiha l-MEA kienet varat l-SME Helpdesk tagħha, issa l-istess SME Helpdesk, din issena, bħala parti mill-attivitajiet ikkoordinati mill-Ministeru tal-Ekonomija, Investiment, u negozji żgħar, u fl-okkażjoni tal-SME Week 2014, sejra tipparteċipa f'attività nazzjonali li ser tkun qed tiġi organizzata nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru 2014, fi Spinola Suite, Hilton Hotel, Portomaso, San Ġiljan.

Hija attività li din id-darba qed tiġi organizzata direttament mill-Kummissjoni Ewropea.

Hekk kif tistgħu ssegwu mill-programm, li ssibu fuq is-sit elettroniku https://eu-access-to-finance-day.teamwork.fr/docs/Draft_Programme_Valletta_24_Oct.pdf, filparti ta' filgħodu, esperti Maltin kif ukoll barranin ser ikunu qed jagħtukom informazzjoni dwar kif jista' jkollkom aċċess aħjar għall-finanzi, filwaqt li waranofsinhar ser inkunu qed invaraw dan il-kunċett ġdid ta' SMEs Business Clinic Workshop, eżerċizzju li żgur li ser ikun ta' benefiċċju kbir għal dawk kollha li jkunu preżenti.

Fil-qosor qed nagħtikom idea ta' kif ser tkun imqassma l-attività:

L-aġenda tas-sessjoni ta filgħodu hija:

8.30-13.30

- indirizz tal-ftuħ
- *keynote address* mill-Ministru Chris Cardona
- *opening remarks* minn Dr Joanna Drake
- diskussjoni dwar l-EU Financial Instruments – il-lezzjonijiet li tgħallimna sa issa
- diskussjoni dwar l-EU Financial Instruments – dawk li issa huma disponibbli, 2014-2020
- *networking lunch*

L-aġenda ta' waranofsinnhar hija:

13.30-15.30

- introduzzjoni dwar l-SMEs Business Clinic Workshop Session mid-Direttur Ġenerali tal-MEA, is-Sur Joseph Farrugia
- introduzzjoni minn numru ta' esperti/konsulenti/ *business doctors*
- informazzjoni dwar il-*business advisory scheme* minn rappreżentant tal-Malta Enterprise.
- sessjoni fejn inthom tkunu tistgħu tipparteċipaw bil-mistoqsijiet tagħkom.
- fl-aħħar tas-sessjoni kull *employer* li jattendi ser ikun offrut li jirreġistra għal numru ta' sigħat ta' konsulenza b'xejn ma' wieħed mill-konsulenti li jkunu preżenti.

Ir-reġistrazzjoni għall-attività kollha ser tkun b'xejn, iżda minħabba regoli tal-Kummissjoni Ewropea, kull min jixtieq jattendi, ma jistax jagħżel li jipparteċipa u jibbenefika mis-sessjoni ta' waranofsinhar jekk ma jkunx preżenti wkoll għas-sessjoni ta' filgħodu. Għalhekk qed inħeġġiġkom biex tirreġistraw u tattendu minn filgħodu. Il-postijiet huma limitati, u nappellalkom biex ma tħallux għall-aħħar biex tirreġistraw u timlew il-formola li tistgħu taċċessawha minn fuq is sit elettroniku https://eu-access-to-finance-day.teamwork.fr/

Biex tirreġistraw tridu tagħfsu fuq il-kaxxa fejn hemm Malta u ddaħħlu l-*password* li hija 'malta'.

Importanti ħafna li kull min jirreġistra mal-Kummissjoni Ewropea jibgħat jinfurmana b'*email* fuq anton.vella@maltaemployers.com sabiex b'hekk inkunu nistgħu nassiguraw li l-applikazzjoni tagħkom tkun ġiet ivvalidata u aċċettata.

**Facebook : www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation**

**Jekk tixtieq tagħmel kuntatt magħna (bħala Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem) tista' tagħmel dan billi ċċempel 2122 2992 jew 2123 7585. Tista' wkoll tibgħat *email* lil anton.vella@maltaemployers.com, jew tuża t-24/7 *helpline* 2122 2006 billi ċċempel u tħallilna ismek sabiex fl-iqsar żmien possibbli nkunu nistgħu nirritornaw it-telefonata tiegħek.**

**Grazzi talli tajtni l-opportunità li nitkellem miegħek. Nibqgħu niltaqgħu b'artikli oħra simili fil-ġimgħat li ġejjin. Jekk tixtieq tgħaddili xi suġġerimenti u proposti għal dan l-artiklu nitolbok biex tikkomunika miegħi jew mal-istaff editorjali ta' din il-gazzetta u jien inwiegħdek li nagħmel ħilti sabiex ma niddiżappuntakx.**